### Motivi u argumenti prinċipali

It-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva skada fit-30 ta' Diċembru 2006.

---

([1]) ĠU L 221, p. 13.

---

## Rikors ippreżentat fil-15 ta' Lulju 2008 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Renju ta' Spanja

### (Kawża C-321/08)

(2008/C 223/62)

*Lingwa tal-kawża: L-Ispanjol*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: W. Wils u E. Adsera Ribera, aġenti)

*Konvenut:* Ir-Renju ta' Spanja

### Talbiet

— tiddikjara li, billi ma adottax il-liġijiet, ir-regolamenti, u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2005/29/KE ([1]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali) jew li, f'kull każ, billi ma kkomunikax l-adozzjoni ta' dawn il-miżuri lill-Kummissjoni, ir-Renju ta' Spanja naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt din id-direttiva.

— tikkundanna lir-Renju ta' Spanja għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

It-terminu mogħti sabiex id-Direttiva 2005/29 tiġi trasposta fid-dritt intern skada fit-12 ta' Ġunju 2007.

---

([1]) ĠU L 149, p. 22.

---

## Rikors ippreżentat fil-15 ta' Lulju 2008 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Renju ta' l-Iżvezja

### (Kawża C-322/08)

(2008/C 223/63)

*Lingwa tal-kawża: L-Iżvediż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: M. Condou-Durande u J. Enegren, aġenti)

*Konvenut:* Ir-Renju ta' l-Iżvezja

### Talbiet

— tiddikjara li, billi ma adottax il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE, tad-29 ta' April 2004 ([1]), u, f'kull każ, billi naqas milli jinforma lill-Kummissjoni b'dan, ir-Renju ta' l-Iżvezja naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-imsemmija direttiva;

— tikkundanna lir-Renju ta' l-Iżvezja għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

It-terminu għat-traspożizzjoi tad-direttiva skada fl-10 ta' Ottubru 2006.

---

([1]) Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE, tad-29 ta' April 2004, dwar livelli stabbiliti minimi għall-kwalifika u l-istat ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala refuġjati jew bħala persuni li nkella jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (ĠU L 304, p. 12).

---

## Rikors ippreżentat fis-16 ta' Lulju 2008 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

### (Kawża C-326/08)

(2008/C 223/64)

*Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: W. Wils u B. Kotschy, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja